# San Lawrenz Għawdex – Mitt Sena Parroċċa

minn Noel Formosa, San Lawrenz, Għawdex

FIL-ĠRANET ta' bejn l-10 u l-24 ta' Jannar 1886 saret il-Missjoni l-Kbira għall-ewwel darba f'Għawdex. Din il-Missjoni saret fl-Għarb, raħal li jinsab fil-punent ta' Għawdex.

L-inħawi msejħa ta' San Lawrenz kienu jagħmlu parti mill-Parroċċa ta' l-Għarb. Hawnhekk kien hawn kappella dedikata lil San Lawrenz, dokumentata fil-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Domenico Cubelles li kienet saret fl-1545. Il-missjunarji wżaw din il-kappella biex minnha jwasslu l-messaġġ tagħhom lin-nies ta' dawn l-inħawi.

Milli setgħu jaraw, il-missjunarji ħassew li hemm bżonn li din il-kappella tikber jew inkella flok din il-kappella titla' oħra ikbar li 'l quddiem kellha sservi ta' knisja parrokkjali.

Mill-ewwel kellmu lill-Arċipriet ta' l-Għarb, DunFranġisk Saver Debrincat. Dan laqa' t-talba tagħhom. Il-problema kienet mnejn se jġibu l-flus. Wieħed mill-missjunarji kien il-kappillan tal-Qala Dun Ġużepp Diacono li mall-ewwel ħa interess fil-problema tal-Lawrenzjani, u kien hu li ħeġġiġhom biex jistinkaw ħalli jibdew itellgħu l-knisja l-ġdida.

Kien hu wkoll li offra li jagħmel pjanta tal-knisja.



**Il-knisja l-ġdida**

Wara ħafna taħbit u stinkar mill-Arċipriet Debrincat, nhar l-14 ta' Settembru 1886 sar il-kuntratt tax-xiri ta' l-art u tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida nhar il-21 ta' Settembru ta' l-istess sena. Kulħadd kien xewqan li jara l-knisja lesta u allura medd għonqu għax-xogħol. Il-knisja kienet lesta fil-31 ta' Jannar 1889. B'kollox kienu ntefqu 715-il lira, somma kbira ħafna għal dak iż-żmien, avolja wieħed irid iqis ukoll li ħafna xogħol sar bla ħlas. Nhar il-Ħadd, 28 ta' April 1889

⇨ 81

⊐ 79
.-Isqof Mons. Ġann Marija Camilleri ɔierek il-knisja l-ġdida.

**San Lawrenz parroċċa**

Kien jonqos biss li issa dawn l-inħawi ma jibqgħux iżjed meqjusa bħala zona imma bħala parroċċa. Inġabru xi petizzjonijiet u ntbagħtu lill-Isqof biex dan jaċċetta li dan il-qasam isir parroċċa. L-Isqof aċċetta, ġabar it-tagħrif kollu u fformola talba li flimkien mad-dokumenti meħtieġa ġiet mibgħuta lill-awtoritajiet tal-Vatikan.

Kien fil-15 ta' Marzu 1893 meta l-Vatikan laqa' t-talba tal-poplu ta' San Lawrenz.

Il-Papa Ljun XIII ħareġ Ittra Appostolika *Dignum Arbitramur* li qatgħet l-inħawi ta' SanLawrenz mill-parroċċa ta' l-Għarb u San Lawrenz sar parroċċa.

Fis-7 ta' Mejju l-Isqof Ġan-Maria Camilleri ħareġ l-Editt għall-konferma ta' l-ittra Appostolika u f'dak l-istess editt ħatar lil Dun Salv Portelli bħala Vigarju Kurat.

Fil-ġurnata tas-7 ta' Mejju 1893 mill-kampnari tal-knisja ta' San Lawrenz instemgħu l-qniepen idoqqu b'ton ferrieħ u jħabbru lil kulħadd li waslet l-ittra tal-Papa. Ftit wara fil-knisja tal-parroċċa l-ġdida, il-Kanċillier tal-Kurja qara l-Editt *Essendosi degnata,* l-istess wieħed li ffirma l-Isqof.

Fil-21 ta' Mejju 1893 jum Għid il-Ħamsin, Dun Salv Portelli ħa l-pussess ta' Kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz u l-parroċċa l-ġdida ta' San Lawrenz kellha l-bidu formali tagħha.

**San Lawrenz matul il-mitt sena**

Il-parroċċa ta' San Lawrenz għaddiet minn ħames amministrazzjonijiet. Kif ġa għidna, l-ewwel Kappillan tal-parroċċa kien Dun Salv Portelli (minn San Lawrenz) li dam Kappillan mill-21 ta' Mejju 1893 sal-5 ta' Novembru ta' l-1937, jum mewtu. B'kollox dam 44 sena.

Fi żmienu nġabet l-istatwa artistika ta' San Lawrenz li saret f'Marsilja u waslet fir-raħal ta' San Lawrenz nhar l-4 ta' Awissu 1895.

Saru wkoll fost l-oħrajn il-kwadru titulari ta' San Lawrenz, u l-erba' kwadri laterali maħdumin mill-pittur magħruf Ġużeppi Calì.

It-tieni kappillan Dun Ċelestin Galea (mill-Fontana) beda l-parrokat tiegħu fil-parroċċa ta' San Lawrenz nhar it-30 ta' Jannar 1938 u dam jaqdi d-dmirijiet tiegħu f'din il-parroċċa sat-28 ta' Lulju 1941, jiġifieri tliet snin biss.

Fit-8 ta Mejju 1942 Dun Ġorġ Debrincat mis-Sannat ħa l-pussess ta' Kappillan tal-Lawrenzjani. (Hawn ta' min jinnota li l-Parroċċa damet bla Kappillan għal 10 xhur sħaħ).

Dan il-Kappillan stinka biex tinbena skola primarja fir-raħal. Fetaħ Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika li llum qed iservi bħala ċentru parrokkjali. Kien April ta' l-1950. Xahrejn wara, jiġifieri fit-18 ta' Ġunju 1950, Dun Girgor Vella minn Kerċem, intgħażel biex imexxi l-parroċċa. Fir-raħal ta' San Lawrenz jibqa' msemmi għax kabbar il-knisja bin-navijiet, sagristija u koppla u anki tkabbar l-artal maġġur, sar il-paviment u z-zokklatura ta' l-irħam.

Fi żmien dan il-Kappillan ġiet mibnija l-kappella ta' Sant'Anna fid-Dwejra li tinsab fil-Parroċċa. Dan il-Kappillan dam f'din il-parroċċa sad-9 ta' Marzu 1975, jiġifieri 25 sena. Nhar l-Erbgħa 19 ta' Marzu 1975 beda l-ministeru tiegħu f'din il-parroċċa Dun Mikiel Borg mix-Xagħra. Fost l-opri li wettaq insibu l-linef kollha tal-knisja, l-ambone, ix-xiri ta' mini-bus li sservi għal ħarġiet kulturali u edukattivi tal-parroċċani kollha, in-niċċa ta' San Lawrenz, il-bini tad-dar tad-duttrina. Xogħol ta' restawr fis-saqaf tal-knisja. S'issa dan il-kappillan ilu f'din il-parroċċa 18-il sena.

⇨ 82

⇦ 81

**San Lawrenz illum**

Kien xieraq li għal din l-okkażjoni jitħejja programm ta' festi tul il-medda tas-sena 1993 li fiha qed infakkru l-ewwel mitt sena tal-parroċċa tagħna. Nhar l-Ewwel tas-Sena l-poplu Lawrenzjan inġabar fil-pjazza biex hawnhekk flimkien ma' l-Isqof tiegħu ta bidu għal din is-sena. Qabel il-korteo daħal il-knisja ġew imtellgħa bandalori biex jibqgħu hemm matul is-sena kollha. Waqt il-quddiesa l-Isqof xegħel ix-xema taċ-ċentinarju. F'Jannar kellna għadd ta' attivitajiet spiritwali u kulturali li baqgħu sejrin tul Frar u Marzu. F'nofs Marzu l-poplu Lawrenzjan fakkar il-mitt sena tiegħu. Is-Sibt 13 ta' Marzu, in-nies ta' San Lawrenz, immexxijin mir-ragħajja spiritwali tagħhom għamlu pellegrinaġġ għall-Matriċi ta' l-Għarb. It-Tnejn 15 ta' Marzu l-Isqof fakkar dak li għamel il-Papa Ljun XIII mitt sena qabel. L-għada l-poplu ta' l-Għarb ġie jikkonċelebra fil-knisja tagħna. L-Erbgħa, iż–żgħażagħ ta' San Lawrenz tellgħu ballata l-ġmiel tagħha. Din il-ġimgħa għalqet bl-Akkademja Mużiko-Letterarja taħt il-Presidenza tal-President ta' Malta u l-Isqof ta' Għawdex. Is-7 ta' Mejju 1993 kienet ġurnata oħra importanti fl-istorja tal-parroċċa għaliex f'din il-ġurnata l-Kurja tad-Djoċesi ta' Għawdex bdiet tirrikonoxxi r-raħal ta' San Lawrenz parroċċa. Fl-okkażjoni ta' din il-ġurnata ġie mikxuf u dedikat l-altar mejda ta' rħam. Fil-21 ta' Mejju l-poplu ta' San Lawrenz fakkar il-pussess ta' l-ewwel kappillan u l-bidu formali tal-parroċċa.

Il-qofol ta' din is-sena jintlaħaq fil-festa tal-Patrun tagħna San Lawrenz. Il-Ġimgħa, 6 ta' Awissu jkollna magħna l-Kardinal Edward Irdis Cassidy, li ġej apposta biex imexxi l-festi tagħna. Din is-sena se jkollna wkoll ħafna baned Maltin u Għawdxin fostna, kif ukoll logħob tan-nar ta' l-art u ta' l-ajru mill-aqwa.

Inħoss li għandi nagħlaq dan l-artiklu billi nħeġġeġ lil ħuti l-Lawrenzjani u lilkom Vittoriosani biex kemm jista' jkun matul il-ġranet sbieħ tal-festi, jekk vera rridu nagħtu gost lil San Lawrenz, nersqu iżjed lejn Alla u l-knisja biex dak li nagħmlu jkun ħiereġ mill-qalb. B'hekk inkunu qed nimxu fuq il-*motto* magħżul mill-parroċċa tagħna matul din is-sena "Ma' Lorenzo fi knisja li taqdi".

Nawgura mill-qalb lil kulħadd il-festa t-tajba u festa li tkompli tressaqna iżjed lejn xulxin u lejn Alla. ❑

